MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2686/1997/1

**Vincenza Putignano**

**vs**

**Armandо Putignano**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-12 ta' Settembru 1992 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal minuri, Enya ta' erba' (4) snin u Lara ta' tliet (3) snin;

Illi l-haija konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u dan tort u htija unikament tal-konvenut li rrenda ruhu hati versu martu ta' adulterju, sevizzi, ingurji gravi u nuqqas ta' manteniment;

Illi l-istess attrici giet debitament awtorizzata b'digriet Numru: 1366/97 moghti mis-Sekond’ Awla ta' dina l-Qorti fit-13 ta' Novembru 1997 sabiex tipprocedi ghas-separazzioni personali mill-imsemmi zewgha;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet a htija tal-konvenut kif fuq inghad;

2) Tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

3) Taghti lill-attrici l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri Enya u Lara;

4) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal fuq imsemmija tfal taghhom minuri retta alimentari xierqa u adegwata;

5) Tapplika nterament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili** u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejniethom;

6) Tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma nofs kull wiehed bejn il-partijiet;

7) Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

8) Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dak l-att;

9) Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 1999 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u nghata kopja tal-istess. Il-partijiet infurmaw lill-Qorti bil-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-25 ta' Marzu 1999 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa ma jopponix ghas-separazzjoni personali, *purche'* li dini tigi pronunzjata ghal tort u htija tal-attrici nnifisha versu zewgha, li jichad dawk l-allegazzjonijiet ddikjarati mill-attrici;

2. Illi l-eccipjent ma jopponix li l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri Enya u Lara tinghata lil martu, *purche'* li huwa, bhala l-missier naturali taghhom, ikollu access ghall-istess ulied minuri;

3. Illi l-eccipjent qatt ma naqas milli jmantni lill-familja tieghu, u difatti, ghalkemm huwa ilu zmien separat *de facto* minn ma' martu, huwa ghadu jhallasha manteniment ghaz-zewg uliedu minuri, filwaqt li martu l-attrici ilha minn qabel 1997 finanzjarjament indipendenti minnu b'impjieg *full time* u fiss, b'introjtu li jissupera dak ta' zewgha l-konvenut, u li ghaldaqstant, m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lilha xi manteniment ghaliha;

4. Illi l-konvenut m'ghandux ibaghti s-sanzjonijiet mitluba fil-hames u fid-disa' talbiet;

5. Illi huwa ma jopponix ghax-xoljiment, id-divizjoni u l-assenzjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, nofs b'nofs bejn il-partijiet, *purche'* li din issir b'mod li jirrispjekkja l-valur reali tal-beni in komun;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Gunju 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Greta Agius bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi.

Rat kopja ta’ nota tal-attrici datata 20 ta’ Ottubru 1999 esebita f’kawza ohra fl-ismijiet premessi (b’Cit. Nru. 2490/97 NA) fejn permezz taghha kienet esebiet erba’ affidavits.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tas-17 ta’ Jannar 2000; tad-29 ta’ Mejju 2000; tad-9 ta’ Ottubru 2000; tat-22 ta’ Novembru 2000; u tal-20 ta’ April 2001.

Rat in-nota tal-Avukat Michael Tanti Dougall datata 15 ta’ Mejju 2001, fejn permezz taghha nforma lill-Qorti li rrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut *stante* li dan kien ilu zmien twil ma jikkomunika mieghu dwar il-kawza in kwistjoni, tant li m’ghandux informazzjoni fejn il-klijent tieghu jirrisjedi.

Rat il-verbali tas-27 ta’ Settembru 2001; tat-30 ta’ Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-26 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut, u wara liema seduti l-provi tal-konvenut jigu dikjarati maghluqa; tat-8 ta’ Mejju 2002; tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Therese Cachia ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li s-seduti gew iffissati kif ordnat mill-Qorti, u talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza; u tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn Dr. Therese Cachia ddikjarat li dwar manteniment m’hemmx xi tghid hlief li l-konvenut jinsab barra u dizokkupat. L-attrici nfurmat ukoll lill-Qorti li d-dar matrimonjali hi propjreta’ parafernali tal-attrici u ssuggeriet li jekk ikun hemm access dan ghandu jkun wiehed taht supervizjoni. Il-kawza giet differita ghall-lum 7 ta’ Jannar 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni minn fejn jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Settembru 1992 civilment u minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt ulied Lara u Enya li ghadhom minorreni, u dan meta l-istess attrici kienet gja` tqila u wara li konvenut kien ottjena d-divorzju mill-ewwel mara tieghu.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li dan kien zwieg felici u dan peress li jidher li l-konvenut kellhu diversi vizzji li harbat s-serenita' u l-paci ta' din il-familja, fosthom ta' ta' drogi u xorb u wkoll peress li l-istess konvenut ma jidhirx li kien kapaci jzomm xoghol fis tant li l-istess attrici baqghet tahdem tul iz-zwieg. Apparti dan jidher li l-konvenut kien aggressiv ma' martu sforz il-vizzji li kellu u fl-ahhar abbanduna d-dar konjugali f'Jannar 1996 u mar jghix ghal rasu ghalkemm jirrizulta mill-provi prodotti li kellu relazzjonijiet extra-maritali, kif allegat l-istess attrici. Jirrizulta wkoll li kellu problemi fejn ghadda proceduri kriminali kemm Malta u kemm l-Italja, pero' mid-data msemmija qatt ma rega' mar id-dar ma' martu.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jidher li l-ewwel u t-tieni talba attrici ghandhom jigu milqugha u li s-separazzjoni mitluba ghandha tigi akkordata ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati *verso* l-attrici ta' adulterju, sevizzi u ngurji gravi u li minhabba f'hekk iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment.

Illi t-tielet talba ghandha tigi milqugha u l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata lill-attrici, anke peress li l-konvenut jidher li fil-mori siefer minn Malta, u dan bla ebda dritt ta' access ghall-istess minuri, u fil-futur tali access jigi kkunsidrat biss jekk l-konvenut jipprova li huwa segwa b'success programm idoneju ghall-kura tieghu mill-vizzju tad-droga u dak tax-xorb, u wkoll li ghandu mpjieg fis li bih jkun jista' jmanti lil uliedu, jew li almenu ghamel dak kollu li seta' sabiex jimpjega ruhu b'mod permanenti

u qed jghix hajja xierqa, u taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jithalla jiehu l-istess minuri barra minn dawn il-Gzejjer.

Illi dwar ir-raba' (4) talba *stante* li ma jidhirx li l-konvenut ghandu mpjieg, ghalkemm huwa jibqa' dejjem obbligat li jmantni lill-uliedu, ma tistax tigi akkolta fic-cirkostanzi; li dwar manteniment ghall-attrici tapplika l-istess konsiderazzjoni premessa, apparti li l-attrici ghandha ntrojtu li sa llum isservi sabiex tmantni lilha nnifisha.

Illi dwar l-komunjoni tal-akkwisti ma jidhirx li kien hemm xi assi ta' valur u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, fil-waqt li ovvjament din il-Qorti tordna x-xoljiment taghha b'effett minn Jannar 1996; kwantu ghad-dar matrimonjali din tirrizulta li hija beni parafernali tal-istess attrici u dan jghodd ukoll ghall-mobbli li hija adebita l-istess dar, u l-istess konvenut qatt ma kellu u lanqas ghandu ebda pretensjoni legali fuqha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tichad is-seba' (7) u t-tmien (8) talba, **tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitta (6) u d-disa' (9) talbiet attrici** biss kif hawn premess b'dan illi:-

1) Tiddikjara s-separazzioni personali bejn il-partijiet a htija tal-konvenut u dan peress li huwa rrenda ruhu hati *verso* l-attrici ta' adulterju, sevizzi, u ngurji gravi u kawza tal-istess z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment;

2) Tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

3) Taghti lill-attrici l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri Enya u Lara bla ebda dritt ta' access lill-konvenut anke peress li l-konvenut jidher li fil-mori siefer minn Malta, u fil-futur tali access jigi kkunsidrat biss jekk l-konvenut jipprova li huwa segwa b'success programm

idoneju ghall-kura tieghu mill-vizzju tad-droga u dak tax-xorb, u wkoll li ghandu mpjieg fiss li bih jkun jista' jmanti lill-uliedu, jew li almenu jipprova li ghamel dak kollu li seta' sabiex jimpjega ruhu b'mod permanenti  u qed jghix hajja xierqa, u taht l-ebda cirkostanza ma ghandu jithalla jiehu l-istess minuri barra minn dawn il-Gzejjer u tordna lill-attrici sabiex tinnotifika b'din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ufficjal Inkarigat mill-Passaporti u lill-Kontrollur tad-Dwana.

4) Illi dwar ir-raba' (4) talba din ma tistax tigi miqugha f'dan l-istadju *stante* li ma jidhirx li l-konvenut ghandu mpjieg, ghalkemm il-konvenut jibqa' dejjem obbligat li jmantni lil uliedu, ma tistax tigi akkolta fic-cirkostanzi; li dwar manteniment ghall-attrici tapplika l-istess konsiderazzjoni premessa, apparti li l-attrici ghandha ntrojtu li sa llum isservi sabiex tmantni lilha nnifisha; dan salv kull dritt ta' mateniment u li l-attrici tipprocedi gudizzjarment ghall-pagament tal-istess retta alimentari ghaliha u ghal uliedha jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u hija jkollha dritt ta' mateniment ghaliha u/jew ghal uliedha skond il-ligi.

5) Tapplika interament d-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili** sa fejn applikabbli ghall-kaz *de quo* u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejniethom b'effett minn Jannar 1996;

6) Tiddikjara li l-istess kommunjoni ma kienet tikkonsisti fl-ebda assi ta' valur u ghalhekk ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

7) Tichad din it-talba *stante* li mill-provi jirrizulta li l-attrici tinsab fil-pussess tal-assi parafernali taghha, inkluzi tad-dar konjugali, li hija proprjeta' parafernali taghha u l-oggetti mobbli li biha hija adebita l-istess dar, li wkoll huma proprjeta' parafernali tal-attrici u gja` jinsabu fil-pussess taghha.

8) Tichad it-talba ghan-nomina ta' nutar u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci

*stante* li ma hemm bzonn pubblikazzjoni ta’ ebda kuntratt;

9) Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza u tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta’ Jannar 2003**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**7 ta’ Jannar 2003**